# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Għaxra (10) ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 972/18 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**Vs**

**Jefpet Limited** (C43812), **JPM Brothers Ltd** (C31612), **Geoffrey Montebello** (KI Nru 256772M) u martu **Ruth Montebello** (KI Nru 182872M), **Peter Montebello** (KI Nru 645281M) u martu **Sharlet Montebello** (KI Nru 415065M)

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

   *Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion tad-19 ta' Jannar 2010 l-intimati ikkonfermaw irwieħhom debituri tal-Bank rikorrent fl-ammont ta' €9,892,017.67, salv imgħaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament;*

*Illi minkejja li għaddew numru ta' snin minn dakinhar tal-kuntratt preċitat il-bilanċ, inkluż imgħaxijiet fuq l-istess, ma saru ebda pagamenti mill-intimati, għadu dovut lill-bank rikorrenti;*

*Illi għaddew iżjed minn ħames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u s-soċjeta' rikorrenti qiegħda permezz tal-preżenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex teżegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimata għall-bilanċ li għad hemm dovut;*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-soċjeta' rikorrenti tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-istess titolu eżekuttiv fuq imsemmi stante li għaddew iżjed minn ħames snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn għadu m'huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent għandu: "jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut"*

2. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12, ir-rikors ġie maħluf minn Dr Ralph Agius Fernandez, bħala rappreżentant tas-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c.

3. Rat illi l-intimati, debitament notifikati, rrispondew għal dak mitlub billi fl-10 ta' Diċembru 2018 ippreżentaw is-segwenti risposta:

   1. *Illi dan ir-rikors sar bla bżonn u huwa intempestiv fil-konfront ta' l-intimata Jefpet Limited, billi t-titolu eżekuttiv tal-Bank rikorrenti ġie mġedded permezz ta' att ta' kostituzzjoni ta' debitu sussegwenti, riċevut minn Nutar Pubbliku Carmel Mangion fit-30 t'April 2014 (hawn anness bħala Dok JP1) li minnu t-terminu preskritt fl-artikolu 258(c) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għadu ma ddekorriex, u għalhekk l-eċċipjenti Jefpet Limited m'għandhiex tbati spejjeż.*

   2. *Illi bla preġudizzju għall-premess, qed tiġi sollevata l-eċċezzjoni ta' lis alibi pendens billi l-intimata Jefpet Limited iddeduċiet kawża fl-ismijiet "Jefpet Limited vs. HSBC Bank Malta plc" (Rikors Maħluf Numru 173/2018 AF), li permezz tiegħu qiegħda timpunja l-komputazzjoni ta' l-imgħax fuq il-kreditu tal-Bank rikorrenti, u għalhekk kwalsiasi eżekuzzjoni eventwali għandha tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.*

   3. *Illi bla ħsara għall-premess kollu, l-intimati qegħdin minn issa jirriservaw li titressaq talba a tenur ta' l-artikolu 220 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, stante li l-Bank rikorrenti stess ressaq azzjoni għall-istralċ ta' l-intimata Jefpet Limited biss jumejn wara l-preżentata tar-rikors odjern.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

4. Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2019, din il-Qorti, kif presjeduta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

5. Semgħet ix-xhieda ta' Dr Ralph Agius Fernandez mogħtija fis-7 ta' Novembru 2019.

6. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2019 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi.

7. Rat illi fis-7 ta' Novembru 2019 l-intimati għarrfu li xtaqu jippreżentaw rikors biex jingħataw il-possibilta' li jippreżentaw eċċezzjonjiet ulterjuri.

8. Rat illi fil-21 ta' Novembru 2019, l-intimati ppreżentaw rikors għall-eċċezzjonijiet ulterjuri, għal liema talba s-soċjeta' rikorrenti oġġezzjonat permezz ta' nota f'dan is-sens ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2019.

9. Rat illi fis-16 ta' Diċembru 2019 il-Qorti awtorizzat lill-intimati jippreżentaw eċċezzjonijet ulterjuri.

10. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2020, l-intimati ppreżentaw eċċezzjonijet ulterjuri kif ġej:

    *Illi mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni oħra ġia sollevata mill-eċċipjenti, jonqos fil-Bank rikorrenti l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jippromwovi din l-azzjoni, billi kull azzjoni eżekuttiva li l-Bank qed jitlob li jiġi awtorizzat li jieħu hija prekluża stante proċeduri ta' stralċ kontra l-eċċipjenti Jefpet Limited u mibdija mill-Bank rikorrenti stess.*

11. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2020, l-intimati ppreżentaw serje ta' dokumentazzjoni, ossija kopja nformali tar-rikors Nru 173/2018 AF u 19/2018 JZM kif ukoll kopja nformali ta' xi verbalijiet taż-żewġ seduti.

12. Rat illi fl-20 ta' Ottubru 2020, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw u l-Qorti setgħet tgħaddi biex tagħti sentenza fuq il-provi prodotti.

13. Tosserva illi l-kawża odjerna hija waħda sabiex l-effetti ta' sentenza sabiex tiġi eżegwita wara t-trapass ta' ħames snin, u dana abbażi tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12.

14. Tosserva wkoll illi d-difiża ta' l-intimati hija bbażata fuq żewġ argumenti

    a. Li l-kuntratt tad-19 ta' Jannar 2010 ġie estiż u ammess mill-intimati permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-30 ta' April 2014.
    b. Li sussegwentement is-soċjeta' bankarja nediet proċeduri għall-istralċ tas-soċjeta' intimata Jefpet Limited.

15. Tirrimarka li, kif ġia' indikat aktar 'l fuq, il-proċeduri odjerni huma intiżi unikament sabiex jestendu l-perjodu stabbilit mill-Liġi ta' ħames snin għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv.

16. Tirrimarka wkoll illi ma hemm ebda dubju illi l-kuntratt tad-19 ta' Jannar 2010 u dak hemm miftiehem huwa titolu eżekuttiv li jista' jiġi kemm eżegwit fil-perjodu ta' ħames snin stabbilit mill-Liġi kif ukoll wara tali perjodu, b'talba għall-estenzjoni, kif qed isir fil-proċeduri odjerni.

17. Kif intqal fil-kawża **Bank of Valletta p.l.c. vs Emanuel Portelli et** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2019:

> *... il-kompitu tal-Qorti f'kawża tax-xorta bħal ma hi dik tal-lum huwa biss li tawtorizza t-tmexxija għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv u mhux biex tidħol fl-evalwazzjoni tal-kalkoli speċifiċi dwar l-ammonti dovuti inkluż,*(sottolinjar ta' dina l-Qorti) *u l-konteġġi kif saru mill-Bank attur jew dwar aspetti oħra tal-istess kuntratt inkluż il-fatt li hemm ipoteki adekwati mogħtija mill-konvenuti lill-bank attur fir-rigward tad-dejn kostitwit. Infatti, għal dawk l-aspetti, l-leġislatur ipprova permezz tal-artikolu 281 (1) tal-Kap 12 li jipprovdi hekk –*
>
> *(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."*
>
> *Għalhekk, una volta li l-konvenuti odjerni jiġu rinfaċċjati bl-eżekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, jekk jidhrilhom li għandhom jattakkaw il-kuntratt in kwistjoni tal-11 ta' Frar 1999 jew parti minnu, jew l-eżekuzzjoni tiegħu, huma għandhom jagħmlu dan permezz ta' proċeduri appożiti skont il-liġi.*

18. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-kawża '**Bank of Valletta p.l.c vs Heritage Estates Limited**' deċiża fit-30 ta' Mejju 2016, dwar kawża oħra ta' l-istess natura, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid:

> *Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet John Portelli noe vs Henry Azzopardi pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-29 ta' Mejju 1997 li rigward in-natura tal-proċedura de quo irrilevat illi f' kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi titolu eżekuttiv ġia' kanonizzat bis-sentenza preċedenti. Minn dan isegwi illi kif kienet qalet il-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet Emmanuele Falzon pro et noe vs Joseph Vella et deċiża fil-5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-prinċipju li l-intimat jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li l-intimat jingħata l-opportunita` li jtawwal il-proċeduri kontrih.*

19. Dina l-Qorti ftit li xejn għandha xi żżid mal-kliem meqjusa kif fuq redatti u tagħmilha ċara illi bil-preżenti deċiżjoni, kull ma hija ser tagħmel huwa illi tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' Titolu Eżekuttiv ossija kuntratt datat 19 ta' Jannar 2010, u mhux tawtorizza l-ħruġ ta' Att Eżekuttiv li, minn natura tiegħu, jippermetti l-kontestazzjoni tiegħu bi proċeduri ad hoc.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedottż u, a tenur tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap 12, tordna l-eżekuzzjoni tal-kuntratt datat 19 ta' Jannar 2010 magħmul in atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion kif fuq aħjar deskritt.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**